# Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali (LESA)

## MIN AĦNA

L-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali (LESA) hija responsabbli għall-infurzar ta' kull liġi, regolament jew ordinament, li l-infurzar tagħhom ikun ġie delegat lill-Kumitati Reġjonali, Kunsilli Lokali jew lil dawk l-awtoritajiet lokali jew reġjonali l-oħra li huma nominati bl-Att dwar Kunsilli Lokali. Barra minn hekk, il-LESA ġiet fdata wkoll biex tamministra s-sistema ta' infurzar lokali. Billi temmen li l-edukazzjoni hija l-bażi tas-suċċess tas-soċjetà, l-aġenzija implimentat diversi kampanji edukattivi mmirati lejn segmenti differenti tal-komunità. Kampanji bħal dawn li għaddejjin bħalissa jinkludu l-edukazzjoni pedonali mmirata b'mod partikolari lejn it-tfal u t-Traffic Education għaż-żgħażagħ. Kampanji edukattivi oħra jinkludu l-EKOedukazzjoni u s-sikurezza. L-Aġenzija toffri servizzi oħra relatati li jinkludu sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku u tħaddem is-sistema ta' kolliżjoni tal-vetturi fi ħdan il-gżejjer.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standard għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://les.gov.mt/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta żżur l-uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 15-20 minuta f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 1 jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 5 t'ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *info.lesa@lesa.gov.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometi ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 5 t'ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- LESA, 246 Triq Materboni Consili, Fgura, Malta
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 08:00-15:30
- *https://les.gov.mt/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mad-dipartment: *info.lesa@lesa.gov.mt* - +356 2347 7400
- Permezz tal-midja soċjali: